Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2016

**Anna Punga**

**Vs**

**IGame Malta Limited u Shaun O'Neill**

16 ta' Gunju, 2017.

1. Fit-13 ta' Ottubru, 2014 ir-rikorrenti pprezentat rikors fit-Tribunal Industrijali fejn allegat li O'Neill kien immolestaha u ta fastidju sesswali, bi kliem u b'azzjonijiet mhux accettabbli, u dan bi ksur tal-Artikolu 29 tal-Kap. 452. Madankollu ghalkemm kien gie nterpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, kien baqa' inadempjenti. Ziedet li meta ghamlet rapport lis-socjeta' intimata, kull ma sar kienet li O'Neill tnehha mill-posizzjoni ta' Affiliate Manager u minflok tpogga fil-kariga ta' VIP Coordinator. Ghaldaqstant, ir-rikorrent talbet li t-Tribunal Industrijali jikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni u jaghti direttivi li jqies li huma opportuni.

2. Quddiem it-Tribunal Industrijali, O'Neill ta eccezzjoni preliminari:

> *"Illi, fuq bazi preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-sussegwenti, l-intimat O'Neill, m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Skont l-Artiklu 30(1) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali u l-Impiegi, ilment quddiem it-Tribunal Industrijali fuq fastidju sesswali jista' jsir biss fil-konfront ta' 'principal' u mhux ta' 'impjegat'. Dan johrog car hafna minn kliem il-ligi, u kif ser jigi trattat fid-dettall matul id-durata ta' dawn il-proceduri".*

3. B'decizjoni tat-18 ta' Jannar, 2016 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni wara li kkunsidra:

> *"11. Il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ntitolat Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali fil-parti GENERALI tieghu nsibu li fl-art 2, li jittratta t-tifsira ta' certi kliem, jghid li l-kelma "principal" x'tifhem biha din il-ligi. Jghid li "tinkludi socjeta', kumpanija, assocjazzjoni jew korp iehor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalita' guridika sew jekk le". Mela hawn ghandna precizament x'tinkludi bla ma qed aprioristikament teskludi lil xi hadd. Hu dmir ta' Qorti/Tribunal li jirrikoncilja l-artikli tal-ligi li jirrigwardjaw sitwazzjoni specifiku bhal f'dan il-kaz. Wiehed irid jara skond il-kaz li jkollu quddiemu t-TRIBUNAL.*

*12. Art. 29 ta' l-istess Ligi ghandu mportanza diretta ghall-kaz taht ezami billi jittratta l-ghoti ta' fastidju fil-kuntest ta' mpieg. Barra li jghid il-legistratur x'qed jifhem b'fastidju nkluz il-fastidju sesswali – dak li hu precizament il-bazi tal-kaz prezenti quddiem it-TRIBUNAL. Fl-Art 29(2) insibu, testwalment hekk:-*

*"L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lillimpjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artiklu msejjha vittma) billi ..." u hawn jghaddi biex jiddeskrivi atti sesswali.*

*13. Mela l-istess Ligi ssemmi specifikatament atti sesswali bejn impjegati, bejn "principal" u mpjegat u bejn impjegat u "principal".*

*14. L-Intimat Shaun O'Neill isostni li l-art. 30(1) tal-istess Ligi jippreskrivi terminu meta persuna li tallega li l-principal ikun kiser, inter alia l-art 29.*

*15. Fil-fehma tat-TRIBUNAL is-sottomissjoni ta' Shaun O'Neill li l-art 29 ifisser li dan it-TRIBUNAL hu senz'altro zvestit mid-dritt u hu nkompetenti li jisma' lment ta' mpjegat kontra mpjegat ma tistax tigi accettata. It-TRIBUNAL ma jqisx li l-art 30 jinnewtralizza u jgib fix-xejn dak li hemm fl-art 29. Wiehed irid, ghall-kuntrarju, jara x'jirrizulta mill-provi mressqa quddiem it-TRIBUNAL".*

4. L-artikolu 29 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jipprovdi:

*"(1) L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju lill-impjegat iehor jew jaghti fastidju lill-principal billi jassoggetta lil dik il-persuna ghal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, li rigward dik il-persuna huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensiv, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.*

*(2) L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lil impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejha 'l-vittma') billi …..".*

5. L-artikolu 30 tal-Kap. 452 jipprovdi li persuna li tallega li principal ikun kiser l-artikoli 26, 27, 28 jew **29**, ghandu jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fi zmien erba' xhur.

6. L-artikolu 75 jipprovdi li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi dwar:

*"(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta;*

***(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu**,*

*ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I tad' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra"***.**

7. Kif rajna, artikolu 30 jipprovdi li fejn persuna tallega li **principal** kiser id-disposizzjonijiet tal-artikli 26 sa 29, it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-ilment tal-impjegat. M'hemmx disposizzjoni simili li tipprovdi li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fejn persuna tallega li impjegat ikun kiser l-istess disposizzjonijiet.

8. Fl-artikolu 29 tal-Kap. 452 il-ligi taghmilha cara li l-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju lill-impjegat iehor. Fil-kaz in ezami il-principal (*employer*) hi s-socjeta intimata. Shaun O'Neill hu mpjegat li r-rikorrenti qeghda tallega li ta fastidju sesswali.

9. L-artikolu 75, li l-appellata ghamlet riferenza ghalih waqt it-trattazzjoni biex issahhah l-argument li t-Tribunal Industrijali ghandu l-gurisdizzjoni, mhux ta' konfort ghat-tezi taghha. Ghalkemm l-artikolu 29 jaqa' taht it-Titolu I tal-Att, il-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali huma fejn persuna tallega *"... li **l-principal** ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 ……"* (artikolu 30). Shaun O'Neill ma kienx il-principal tar-rikorrenti.

10. Fit-twegiba l-appellata qalet li fl-artikolu 30:

> *"(…..) id-dicitura tal-ligi mhux forsi tant felici fis-sens illi titkellem dwar persuna li tallega illi l-principal kiser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 26, 27, 28 jew 29. Wiehed ghalhekk jista' jargumenta, kif jaghmel l-appellant, illi l-parti procedurali ghandha tizboq il-parti sostantiva tal-ligi. Dan jigi umilment sottomess, mhux korrett".*

Tkompli tghid:

> *"Jista' qatt jinghad illi bl-artikolu 30 tal-Kap. 452, il-legislatur kien car u esprima ruhu fis-sens illi fil-kuntest tal-artikolu 29, impjegat ghandu rimedji kontra l-principal izda mhux kontra kollega mpjegat bhalu ? Jaghmel sens guridiku illi jinghad illi l-legislatur ipprovda ghal tali agir fis-sustanza izda ma riedx jipprovdi l-procedura idoneja sabiex dak li l-ligi fis-sustanza tipprojbixxi, persuna tiehu rimedju dwarha ?".*

Il-qorti tosserva li:

i. Id-dmir taghha hu li tapplika l-ligi. Fl-ebda parti mill-artikolu 30 ma jinghad li fi kwistjoni bejn impjegat u impjegat, it-Tribunal Industrijali ghandu l-gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kaz. Lanqas m'hemmx provvediment iehor f'Titolu I li jipprovdi li l-ilment taht l-Artikolu 29 fil-konfront ta' impjegat, ghandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali.

ii. It-Tribunal Industrijali ghandu jiddeciedi dawk il-kazijiet li b'ligi jigu dikjarati li huma taht il-gurisdizzjoni tieghu. Materja ta' gurisdizzjoni m'ghandhiex tigi deciza *by implication*. Ghalhekk il-qorti hi tal-fehma li r-riferenza li l-appellata ghamlet ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-

ismijiet **Assocjazzjoni Protezzjoni Civili vs Ministru ghall-Edukazzjoni Zaghzagh u Xoghol et** tal-15 ta' Jannar, 2007 m'hijiex ta' ghajnuna ghal dan il-kaz. F'dik is-sentenza l-qorti qalet: *"Meta jkunu jezistu provvedimenti kontradittorji, il-Qorti ma ghandhiex, mill-ewwel, tghid li xi provvediment jipprevali fuq iehor, u ghandha jekk hu possibbli tipprova tirrikoncilja l-istess provvedimenti"*. F'dan il-kaz il-qorti ma tarax li l-artikolu 30 hi disposizzjoni kontradittorja ghall-artikolu 29 tal-Kap. 452. Fil-kazijiet ta' ghoti ta' fastidju (artikolu 29 tal-Kap. 452), l-artikolu 30 jaghti lit-Tribunal Industrijali gurisdizzjoni biss fejn l-allegazzjoni ssir fil-konfront tal-principal. F'dan m'hemm xejn kontradittorju.

iii. Ma jfissirx li l-impjegat li jallega fastidju sesswali m'ghandux rimedju. Il-fastidju sesswali hu reat kriminali. Inoltre, min jallega fastidju sesswali fil-konfront ta' impjegat jista' jipproponi kawza quddiem il-qrati ordinarji.

11. L-azzjoni li pproponiet ir-rikorrenti ma jidhirx li hi bazata fuq il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 (*Equal Treatment in Employment Regulations*), fejn il-fastidju sesswali jaqa' fid-definizzjoni ta' *"trattament diskriminatorju"*. Fil-fatt din il-Legislazzjoni Sussidjarja ma ssemmietx minnha fir-rikors promotur u fl-atti l-ohra. F'kull kaz regolament 10(1) ta' dik il-legislazzjoni sussidjarja pjuttost issahhah il-fehma tal-qorti li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fil-kaz kontemplat fl-artikolu 30 tal-Kap. 452, fejn allura l-ilment hu kontra l-principal. Kazijiet ohra jidhru li huma ta' gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji (ara subinciz 2).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u minflok tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-appellant fis-sens li t-Tribunal Industrijali m'ghandux il-gurisdizzjoni biex jisma' u jiddetermina l-pretensjoni li r-rikorrenti ghandha kontra l-appellant.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellata.**

**Ir-Registratur ghandu minnufih jibghat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.